**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Kaled Mukthar Ben Gamhur**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 16 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kaled Mukthar Ben Gamhur** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 427000 (L) billi huwa akkuzat talli nhar il-15 ta' Gunju 2019 ghall-habta tad-disa neqsin kwart ta' filghodu (8:45hrs) gewwa Triq Melita, il-Belt Valletta u f' dawn il-Gzejjer :

1. Ikkometta serq ta' mobile tal-ghamla Samsung J2 kif ukoll mija u tminatx –il Ewro (€118) fi flus kontanti minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAJ-4225, liema serq huwa kkwalifkat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Ivan Borg u/jew ta'

persuna/i ohra dana bi ksur tal-Artikoli 261 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fit-23 ta' Gunju 2019 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30hrs) gewwa Blk 4, Bieb 9, Flat 2 Triq il-Punent, Valletta:

2. Naqas illi jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 355 Charlo Chircop, PC 626 Jean Carlo Benetti u PC443 Chris Bonello, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkel jew indahal lil imsemmija ufficcjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli kkometta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magostrati preseduta mill-Magistrat Dr. M.Vella LL.D nhar is-16 ta' Awwissu 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
4. U aktar talli kiser l-Ordni tal-Qorti taht il-Kap 446 Artikolu 22, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magisitrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D nhar is-6 ta' Novembru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Kaled Mukthar Ben Gamhur talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 16 ta' Lulju 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Joe Brincat li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu*

*importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.* ***Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.*** *Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1] Enfasi ta' din il-Qorti

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea** u ttenni li min ikun f'pajjizna hux ghall-vaganza, ghan-negozju, ghax-xoghol, ghall-istudju, biex jibni relazzjoni jew jekk persuna jinghata xi forma ta' protezzjoni ghandu jimxi b'mod strett mal-ligijiet ta' pajjizna kif jaghmlu c-cittadini l-ohra li jabitaw f'dawn il-gzejjer.

L-imputat ghal darba, darbtejn, tlieta seraq mobile minghand persuna.

Huma l-minoranza assoluta ta' dawk li jigu f'pajjizna minn inhawi varji madwar id-dinja li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta' pajjizna. ***Patti chiari, amicizia lunga***. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari.

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

**Decide**:

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, 261, 271, 338 (ee) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Kaled Mukthar Ben Gamhur hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u invista tal-ksur ta' Ordni ta' Probation li nghatat fis-16 ta' Awwiswsu 2016 mill-Magistrat Monica Vella u l-ksur ta' liberta kkundizzjonata tas-sitta ta' Novembru 2017 moghtija mill-Magistrat Caroline Farrugia Frendo, fejn il-Qorti qeghda tissentensjah dwar ir-reati li taghhom kien instab hati u tikkundannah ghal tmintax (18) – il xahar prigunerija effettiva.

F'dan il-kaz il-Qorti ma tistax tirrakomanda lill-Ufficjal tal-Immigrazzjoni Ewlieni biex jibaghat lura lejn pajjizu lill-hati minhabba l-konessjonijiet familjari li ghandu f'Malta izda theggeg lid-Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex meta l-hati jkun qorob biex jiskonta s-sentenza ta' prigunerija jsir kuntatt mal-Fondazzjoni Rise biex tghinu jsib impjieg biex ikun jista' jmantni lilu nnifsu. Din il-Fondazzjoni qieghda taghmel gid kbir u s-Socjeta' ghandha tappogja bi shih il-hidma ta' din il-Fondazzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**